# IL-FESTA TAS-SINJURA TAGĦNA FL-EQQEL TAL-GWERRA

Madwar 50 sena ilu – biex inkun preċiż fis-snin 1941 – 42 – 43 kienu l-agħar żminijiet tal-gwerra f'pajjiżna. Il-Parroċċa tagħna kienet waħda li ġarrbet mill-iktar il-qilla kollha fost l-oħrajn. L-istess wieħed jista' jgħid, għal beltna Tas-Sliema, li hija aktarx l-iżjed waħda li tilfet minn uliedha fost l-Irħula u l-Bliet l-oħra ta' Malta, kif jixhdu l-ismijiet ta' madwar 200 ruħ li issa ġew imnaqqxa fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra fix-Xatt, bl-inizjattiva tas-Sur Tony Borg, Segretarju tas-"Sliema Residents Association", xogħol mill-isbaħ tal-marmista magħruf Ronnie Pisani.

Minkejja l-gwerra u l-ħerba li ġiebet magħha, iżda, il-Festa lis-Sinjura tagħna dejjem saret b'mod jew ieħor fil-Parroċċa tagħna.

**Fl-1941**

Jekk ma niżbaljax, kulma sar fil-Festa Titulari dis-sena kien fil-Knisja biss. Barra ma sar xejn, imma n-nies li kienu għadhom f'Tas-Sliema, flimkien ma' bosta oħrajn li ġew lura wara li kienu evakwati, ġew bi ħġarhom għall-funzjonijiet ta' ġewwa tul it-Tridu u l-Festa. Il-vara sabiħa tal-Madonna tas-Sacro Cuor tqiegħdet fuq l-artal, imżejjen mill-aħjar li setgħu. Jidher li "saret il-Mużika tal-Festa, li tħallsu għaliha £3. Aktarx li ntrama wkoll id-Damask fil-Knisja, li tħallsu għalih 14-il xelin". [1]

Madwar xahar wara l-Festa Titulari, intlaqtet u ġġarrfet is-Sagristija waqt ħbit mill-ajru f'Awissu 1941. Intilfu ħafna opri, fisthom id-Damask, paramenti sagri, statwi w armar ieħor ta' barra, eċċ.

**Fl-1942**

Imqar dis-sena, minkejja li għall-Parroċċa kienet l-eqqel waħda, il-Festa saret ukoll, bit-Tridu u l-Paniġierku. In-nies kienu għadhom imnikkta biż-żewġ disgrazzji kbar li ġraw fil-Parroċċa ftit qabel: dik ta' ħdejn l-Għassa tal-Pulizija nhar is-17 ta' Marzu, u l-oħra ta' fuq il-Knisja u l-Kunvent tal-Patrijiet fl-1 ta' April, li t-tnejn ħallew ħerba, bosta imwiet, midrubin u niket fost kulħadd. Fil-Knisja, għalkemm miġruba u parti sewwa minnha bi ħsara kbira, ulied il-Parroċċa ngħaqdu għalenija bħala familja waħda iżjed minn qatt qabel, madwar is-Sultanta tagħna, li l-vara tagħna baqgħet kważi b'miraklu bla mittiefsa minkejja li kienet biss ftit jardi 'l bogħod minn fejn waqa' u ġarrab l-aktar ħsara, saħansitra mietu n-nies! Dis-sena nstema' jidwi iktar ħerqan it-talb u l-kant lill-Madonna tas-Sacro Cuor biex tidħol għalina quddiem il-Qalb ta' Binha Ġesù ħalli tintemm il-gwerra u jsaltan is-sliem fid-dinja. M'hemmx għalfejn ngħidu dis-sena wkoll , bħal ta' qabilha, il-Purċissjoni ma ħarġitx.

Kien ħsieb għaqli u ta' min ifaħħru lli dis-sena nhar il-Ħadd, 26 ta' April 1992, – 50 sena wara – il-Parroċċa ħadet ħsieb biex jitfakkru l-vittmi li tilfu ħajjithom ħdejn l-Għassa u dawk fil-Knisja u l-Kunvent, billi twaħħlu żewġ irħamiet mal-ħajt ta' l-Għassa w oħra mal-Knisja minn barra, li ġew mikxufa minn P. Julian Sammut o.f.m., Gwardjan, u minn P. Pawlu Galea o.f.m., Kappillan, rispettivament. Dawn ukoll huma xogħol meqjus u maħdum mill-iskultur Ronnie Pisani, Kaxxier tal-Każin tal-Banda ċittadina "SLIEMA", li hija "Driegħ Mużikali u Kulturali tal-Parroċċa Tagħna".

**FI-1943**

Billi l-qagħda tal-gwerra f'pajjiżna bdiet issa tieħu xejra għall-aħjar fil-ħarifa, bis-saħħa tar-rebħiet Allejati fl-Afrika ta' Fuq, u hekk wara s-sentejn miftuma mill-Purċissjoni, il-Festa Titulari saret b'aktar pompa u solennità mit-tnejn ta' qabilha. Fiċ-ċirkustanzi setgħet issir għallinqas fuq skala moderata. Biżżejjed ngħidu li tul il-Festa daqqew tliet Baned: "La Vallette", "Sliema" u tal-K.O.M.R. [2]

Iżda l-aqwa ħaġa għan-nies tal-Parroċċa kienet li reġgħu raw ħierġa l-egħżeż ħaġa ta' qalbhom: il-Vara fil-Purċissjoni f'għeluq il-Festa. Minħabba li pajjiżna kien mimli suldati u tankijiet u armamenti bi tħejjija għall-invażjoni ta' Sqallija minn Malta (Tas-Sliema kienet miżgħuda bihom, kollha fil-kampijiet li kellhom f'bosta nħawi), il-Purċissjoni ma għadditx mir-rotta t-twila bħal qabel il-gwerra. Kienet iqsar u kien hemm ordni li tidħol qabel jidlam, kif fil-fatt sar. Hawn niftakar ħafna mis-suldati ta' bosta nazzjonalitajiet jiġu jaraw il-Purċissjoni, u wkoll jisimgħu l-quddies fil-Knisja tagħna, għadd sewwa fosthom kienu suwed "tal-Basut" kif konna ngħidulhom. Kellhom rispett kbir lejn l-affarijiet sagri; kienu joħorġu mill-Knisja mexjin lura b'wiċċhom iħares lejn l-altar.

In-nies tant ferħu dis-sena li nsibu fost l-oħrajn Sunett minn P. Suda, li jixhed dak li ħassew wara n-niket li kienu ġarrbu qabel. Niftakar li billi l-Kjerċi tal-Patrijiet ma setgħux jiġu mill-Kunventi tagħhom biex bħas-soltu jagħmlu Kapep fil-Purċissjoni, jien u sitt żgħażagħ oħra bħali, ġejna mqabbdin nilbsu l-Kapep aħna fil-Purċissjoni. Għalina kienet esperjenza mill-isbaħ, tant li wħud fostna ħadna ritratt bihom. Inkiteb ukoll Sunett fuq karta volanti minn awtur mgħux magħruf dwar il-purċissjoni. Dawn huma t-tifkiriet tiegħi ta' 50 sena ilu. Tifkiriet li jġibu niket u ferħ. Illum, inroddu ħajr 'l Alla u 'l-Madonna li għadna hawn. Minn dak inhar sa llum, il-Festa tagħna ssuktat tikber dejjem iżjed fil-popolarità u tiġbed dejjem iżjed nies, kif naraw minn sena għal oħra.

**Patri Raniero Zammit, Kapuċċin.**

**RIFERENZI:**


1. Winston L. Zammit f'Leħen il-Banda 'SLIEMA', nru.13, 1989, p.35;
2. Idem;
3. Raniero Zammit o.f.m. Cap., Il-Madonna tas-Sacro Cuor fil-Poeżija, mill-ktieb "IL-MADONNA U TAS-SLIEMA", p.159.